# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Jannar, 2000.**

**Numru 18**

**Citaz. numru 1302/93 DS**

Vincent Mallia u b'digriet tat-28 ta' April 1995 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Maria Carmela armla ta' Vincent Mallia u Malcolm, Deborah u Giuliana, ahwa Mallia, ulied il-mejjet Vincent Mallia
vs
Emmanuel Muscat

Illum, 11 ta' Jannar 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-26 ta' Ottubru 1993 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fid-29 ta' Ottubru 1991 waqt li l-esponenti kien fil-car tieghu Mazda Nru. B-2280 f'San Gwann, il-konvenut, li kien isuq it-Transit Nru Y-2296 baqa' diehel fuq il-car Mazda li kienet parkjata mal-genb tat-triq u kkagunalu hsarat.

Illi l-konvenut kien responsabbli ghal dan l-incident minhabba mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti izda hu daqqa jghid haga u daqqa jghid ohra.

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident imsemmi, ghar-ragunijiet mitqala, u ghad-danni li b'rizultat tal-istess sofra l-istanti.

2. Tillikwida d-danni occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundannah ihallas lill-istanti l-ammont hekk likwidat bhala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi Lm2 tal-ittra interpellatorja u dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru 1993 u dawk tal-ittra ufficjali lill-kumpanija assikurattrici.

Minn issa, b'avviz ta' dina c-citazzjoni kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. L-ewwel talba attrici ghandha tkun michuda stante l-incident stradali de quo ma garax tort tal-eccipjent.

2. Konsegwentement it-tieni talba ghandha tkun respinta stante li ma hemm ebda danni x'jigu likwidati favur l-attur.

3. Isegwi anke t-tielet talba ghandha tkun regettata stante li l-eccipjent ma ghandu jkun kundannat ihallas ebda danni lill-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda kollizjoni li grat go Vjal ir-Rahan, San Gwann, bejn Mazda B-2280 u Transit Y-2296. Il-partijiet ma jaqblux dwar kif gara l-incident: filwaqt li l-attur u martu sostnew li huma kienu weqfin, il-konvenut isostni li l-attur kien “in motion”.

Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu **l-attur** qal li kien pparkjat mal-genb tat-triq go Vjal ir-Rihan wiccu lejn San Giljan waqt li l-mara tieghu kienet bil-bieba miftuha (front passenger seat) qed tnizzel l-affarijiet meta

f'hin minnhom sema' hoss ta' brake qawwi gej minn wara u giet it-Transit li haditlu l-genb lemini kollu.

Meta l-attur xehed, ikkonferma d-dikjarazzjoni guramentata izda kkorregiha fis-sens li l-mara tieghu kienet "rear seat passenger" fuq ix-xellug u mhux "front seat passenger". Huwa kien waqaf wara r-"rear door" tad-dar tieghu u l-mara kienet qed tnizzel l-affarijiet biex iddahhalhom id-dar. Hdejh kellu lil certu Sydney Foster li lehaq miet. Ighid li fil-hin ta' l-incident mhux talli kien wieqaf talli kien qed jiehu sigarett minghand l-Ingliz. Kien ilu wieqaf inqas minn hames minuti. Waqt li qed jistenna l-mara tinzel mill-karrozza, minn gol-mera ta' barra tal-lemin ra Marina niezla min-naha tan-Naxxar bl-indicator tal-lemin jixghel. Waqt li l-Marina qed iddur lejn Vjal in-Naspli, sema' brake qawwi, hares fil-mera u ra l-minibus li kien qed jittanta jghaddi minn bejn il-karrozza ta' l-attur u l-Marina. L-attur xehed ukoll li meta pparkja, il-karrozza tieghu kienet dritta mal-bankina u spicca angolat billi l-minibus gibditu.

**Maria Carmela Mallia** xehdet li kienet b'idha fuq il-pum tal-bieb biex tiftah il-bieb u tidhol id-dar u fid-daqqa u l-hin semghet tkaxkira u daqqha. Meta zewgha waqaf, kien ipparkja qrib il-bankina, izda ma' l-impatt il-karrozza tkaxkret xi ftit u ma baqghetx fl-istess pozizzjoni.

**Il-konvenut** xehed li waqt li kien niezel fid-direzzjoni tal-knisja ta' San Gwann, f'daqqa wahda l-attur hariglu fin-nofs biex jaghmel U-turn ghal go nofs it-triq. Sostna li dak il-hin l-attur kien wahdu u li x'hin l-attur rah gej ipprova jerga' lura izda l-konvenut laqtu. Fid-direzzjoni opposta kienet tiela' karrozza fuq is-side taghha.

In kontroezami qal li l-karrozza ta' l-attur raha hierga lejn in-nofs u qatt ma raha wieqfa qabel. Meta ra l-karrozza hierga l-ewwel darba kien lura minnha daqs tul ta' zewg vannijiet. Il-parti ta' quddiem nett kienet kwazi waslet sal-linja medjana. Il-konvenut qal li kien miexi b'xi 35 m.f.s.

Fil-fehma tal-Qorti, minn ezami tax-xiehda u tad-dokumenti relattivi, huwa ferm aktar verosimili dak li xehdu l-attur u l-mara tieghu. Mhuwiex verosimili li, kif isostni l-konvenut, f'distanza ta' zewg vannijiet bil-konvenut isuq b'xi 35 m.f.s., l-attur jilhaq johrog sa nofs it-triq u jirrversja mill-gdid prattikament mal-bankina. Minn fejn kien gej il-konvenut kellu vizta fit-tul u ghalhekk mhux spjegabbli kif seta' ra lill-attur biss minn tul ta' zewg vannijiet.

Dwar il-Marina li semmew l-attur u l-mara tieghu, il-konvenut ma jghid xejn., anzi jghid li ma kienx hemm traffiku quddiemu. Mir-ritratt Dok. C esebit mill-attur mac-citazzjoni jidhru l-brake marks tat-Transit li jindikaw li t-Transit fil-mument tal-habta kienet miexja vicin wisq tal-bankina biex setghet tiskapula l-karrozza ta' l-attur. Fil-fehma tal-Qorti dan jikkorrobora dak li qal l-attur li fil-mument tal-habta l-konvenut kien qed jipprova jghaddi bejnu u l-Marina, manuvra li probabilment ma setax ma jipprovax jaghmel minhabba l-ispeed li kien ghaddej bih dak il-hin u li ma ppermittilux li jieqaf tempestivament.

Ghaldaqstant ghall-incident in kwistjoni ghandu jinzamm responsabbli unikament il-konvenut.

Rigward id-danni, b'verbal tat-23 ta' Novembru 1994 il-partijiet qablu li joqoghdu fuq is-survey report li sar minn Francis Aveta ghar-rigward ta' l-ispejjez tal-panel-beating u spray-painting. Dwar il-parts qablu li jigi nkarigat l-istess Francis Aveta biex jottjeni l-prezzijiet taghhom. L-imsemmi Francis Aveta pero' ma rnexxilux jaghmel dan kif spjega meta xehed fil-21 ta' Mejju 1999. Sadattant pero' l-attur Malcolm Mallia, wiehed mill-persuni li f'isimhom gew trasfuzi l-atti, esebixxa lista tal-parts bil-prezzijiet relattivi. Dwarhom baqghet ma saret l-ebda kontestazzjoni.

Ghalhekk id-danni rizultanti qed jigu likwidati hekk:

| | |
|---|---|
| Panel-beating | Lm150.00 |
| Spray-painting ………………….. | 100.00 |
| Parts …………………………….. | 737.11 |
| Road Accident Report ………….. | 3.00 |
| | -------------------- |
| | Lm990.11 |
| | -------------------- |

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonjiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni rizultanti,

(1) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm990.11, u
(1) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din is-somma ta' Lm990.11. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Grazio Galea
D/Registratur